**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 56/2016 AL

APB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

I. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar is-6 ta' Dicembru 2003 – skont kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok. A – u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;
II. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Borg tal-11 ta' April 2012 – li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B – il-kontendenti sseparaw legalment taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

III. Illi l-kontendenti ilhom ma jghixux flimkien sa minn qabel l-imsemmija data tal-11 ta' April 2012, u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni ;

IV. Illi, inoltre, fuq il-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, l-kontendenti rrinunzjaw ghad-dritt rispettiv taghhom li jitolbu jew li jircievu manteniment minghand xulxin;

V. Illi ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponenti, l-kondizzjonijiet, kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma gja` separati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom ;

Talbet li ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tas-6 ta' Dicembru 2003 ta' bejn il-kontendenti ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi ;

2. Tordna a tenur tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) lir-Registratur tal-Qorti, sabiex, f'dak iz zmien li joghgobha tiffissa din il Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat illi ikkonfermaha bil-gurament tieghu, li permezz taghha jiddikjara :

Illi huwa jwiegeb illi ma joggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti martu, illum legalment separata minnu, sabiex dina il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejnu u bejn martu, u dan peress illi r-rekwiziti ghat-talba tad-divorzju kif elenkati fir-rikors promotur jinsabu sodisfatti, b'dan illi huwa ma ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' April 2012 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.